# 2025
# RAPPORT ANNWALI

DIPARTIMENT
GĦAR- RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI
U TAL-IMPIEG

# 2025

**RAPPORT ANNWALI**

# WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| 01 | **DAĦLA**<br>Andy Ellul - Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u l-Akkomodazzjoni | 01 |
| | Carlos Tabone - Segretarju Permanenti (Ugwaljanza, Riformi u d-Djalogu Soċjali) | 03 |
| | Diane Vella Muscat - Direttur Ġenerali – DIER | 05 |
| 02 | **IL-MANDAT TAD-DIPARTIMENT** | 07 |
| 03 | **SERVIZZ LILL-KLIJENTI** | 09 |
| 04 | **INVESTIGAZZJONIJIET** | 13 |
| 05 | **XOGĦOL MILL-INSPECTION COORDINATION OFFICE** | 17 |
| 06 | **AĠENZIJI TAL-IMPJIEG** | 23 |
| 07 | **RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI** | 27 |
| 08 | **TRANSFER OF BUSINESS** | 29 |
| 09 | **ĦIDMA FLIMKIEN MAT-TRADE UNIONS** | 31 |
| 10 | **LIĠIJIET ĠODDA U EMENDI FIL-LIĠIJIET** | 33 |
| 11 | **REVIŻJONI TAL-WAGE REGULATION ORDERS** | 41 |
| 12 | **RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI**<br>L-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL (ELA) | 43 |
| 13 | **L-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAX-XOGĦOL – ILO** | 51 |
| 14 | **EUROFOUND** | 53 |
| 15 | **XOGĦOL RELATAT MAL-UNJONI EWROPEA** | 55 |
| 16 | **RINNOVAZZJONI TAL-BINJIET TAD-DIPARTIMENT** | 57 |
| 17 | **INVESTIMENT FIS-SISTEMA TAL-INFORMATIKA TAD-DIPARTIMENT (DIERS)** | 59 |
| 18 | **KAMPANJA TA' INFORMAZZJONI** | 61 |
| 19 | **FOND GĦALL-ĦLAS TAL-BILANĊ BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA PRIVATA** | 69 |
| 20 | **IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI** | 73 |
| 21 | **RIŻORSI UMANI** | 75 |
| 22 | **TAĦRIĠGĦALL-UFFIĊJALI TAD-DIPARTIMENT** | 79 |
| 23 | **ATTIVITÀ FIL-KOMUNITÀ** | 83 |
| 24 | **PJANIJIET GĦAS-SENA 2026** | 87 |

01

# DAĦLA

**Andy Ellul**

Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u l-Akkomodazzjoni





L-2025 kienet sena oħra ta' ħidma bla waqfien fejn matulha bħala Gvern komplejna għaddejjin b'xogħol kontinwu sabiex naċċertaw li s-suq tax-xogħol jibqa' wieħed reżiljenti, ibbażat fuq is-saħħa tal-ekonomija Maltija. Fl-istess waqt iżda assigurajna li d-drittijiet u d-dinjità tal-ħaddiema jkunu mħarsa.

Kienet sena fejn komplejna nsaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema mingħajr preċedent.

Fiċ-ċentru ta' din il-ħidma kien hemm dejjem id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg (DIER) – li permezz ta' djalogu kontinwu mal-imsieħba soċjali, wassal għal bidliet sinifikanti u kuraġġużi.

F'Awwissu tal-2025 daħlu fis-seħħ numru ta' bidliet. Waħda minnhom kienet dik li titratta t-trasparenza fil-pagi. Permezz ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva kull persuna li qed tapplika għal xogħol għandha l-jedd tkun taf eżatt il-paga li se tibda biha u kif se tiżdied, x'inhu l-irwol li se taqdi u anke l-benefiċċji li se tirċievi.

L-2025 kienet sena illi matulha ressaqna 'l quddiem bidliet soċjali li għamlu differenza kbira. Tajna sebat ijiem leave imħallas lil kull ġenitur prospettiv li jgħaddi minn korriment qabel it-22 ġimgħa tat-tqala. Mhux biss, qed noffru wkoll għajnuna psikoloġika lil koppji li jgħaddu minn din l-esperjenza kerha. Apparti l-Miscarriage Leave, bħala Gvern isseparajna l-iswali tal-isptarijiet – biex mara li tkun qed tkorri tarbija ma tkunx fl-istess sala ma' omm li qed twelled. Emendajna wkoll il-leave tal-maternità biex dan jibda jingħata wkoll lil dawk li jitilfu lit-tarbija wara t-22 ġimgħa tat-tqala.
Il-bereavement leave għall-ġenituri li jitilfu lil uliedhom ta' taħt it-18-il sena żdied għal sebat ijiem, bil-leave addizzjonali jkun imħallas mill-Gvern; filwaqt li l-Urgent Family Leave, żdied minn 15-il siegħa għal erbat ijiem tax-xogħol.

Dawn huma kollha kisbiet li jfissru aktar dinjità lill-ħaddiem, aktar ħin ta' kwalità għall-ħaddiema ma' uliedhom u l-familjari tagħhom u aktar drittijiet. Dan ir-rapport annwali juri ċar dan l-impenn.

> **Il-kontribut tad-DIER jibqa' kruċjali fit-tfassil ta' dawn id-drittijiet u avvanzi imma aktar minn hekk huwa l-gwardjan ewlieni ta' dawn id-drittijiet.**

Fl-2025, grazzi għall-ħidma tad-Dipartiment, ingħataw lura aktar minn €1.3 miljun f'pagi u ħlasijiet lill-ħaddiema wara 1,058 investigazzjoni.

Il-ħidma tad-DIER se tibqa' tkun kruċjali fil-ġimgħat, u anke x-xhur, li ġejjin meta l-Gvern se jkun qed jaħdem fuq diversi inizjattivi u miżuri leġiżlattivi, permezz ta diskussjoni nazzjonali fejn se naraw li nsaħħu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Flimkien mad-DIER u l-imsieħba soċjali inħares 'il quddiem sabiex l-2026 tkun sena oħra li matulha nibqgħu nġibu l-bidliet meħtieġa għall-ġid tal-ħaddiema, żgħażagħ u anke l-familji, u sabiex nagħtu drittijiet ġodda u naraw li dawn ikunu mħarsa.

# DAĦLA

**Carlos Tabone**
Segretarju Permanenti
(Ugwaljanza, Riformi u d-Djalogu Soċjali)



Is-sena 2025 ressqitni b'mod aktar dirett lejn il-ħidma tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjegi fil-kariga tiegħi ta' Segretarju Permamenti fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mill-qasam tal-Ugwaljanza, Riformi u d-Djalogu Soċjali. Dan l-involviment aktar mill-qrib tagħni viżibilità tal-ħidma sfiqa li tkun għaddejja mill-uffiċjali fi ħdan dan id-Dipartiment u l-istakeholders konċernati, nifhem aħjar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u l-opportunitajiet quddiemna sabiex is-Servizz Pubbliku jista' jkompli jirrispondi b'mod sinifikanti għar-realtajiet li qed jevolvu fid-dinja tax-xogħol.

Tul dawn l-aħħar xhur ħdimna b' mod attiv fl-avvanz ta' riformi leġiżlattivi bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, filwaqt li jiġu żgurati wkoll aktar ċarezza u ċertezza għal min iħaddem. Dawn l-inizjattivi ġew avviċinati b'sens qawwi ta' responsabbiltà, fejn ġiet rikonoxxuta l-importanza li l-progress soċjali jiġi bbilanċjat mal-istabbilità ekonomika. Ċentrali għal din il-ħidma kien hemm il-promozzjoni kontinwa ta' relazzjonijiet industrijali kostruttivi, iggwidati mid-djalogu, il-koperazzjoni u r-rispett reċiproku fost l-imsieħba soċjali kollha.

> **Meta mqabbel ma' snin preċedenti, il-fatti juru li dan id-Dipartiment kompla jimpenja ruħu u għal darb'oħra qabeż l-aspettattivi tiegħu stess. L-enfasi konsistenti fuq il-kwalità, servizz f'waqtu u professjonali tirrifletti Servizz Pubbliku effettiv mibni fuq il-fiduċja u l-affidabbiltà.**

Dan kollu seta jsir għax id-direzzjoni strateġika 'l fejn sejrin hija waħda ċara u għaldaqstant bil-professjonalità, u l-kontribut tal-persuni fit-tmexxija, flimkien mal-impenn u d-dedikazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-istess Dipartiment, wasslu lid-Dipartiment jagħti riżultati li jissodisfaw l-ogħla standards tal-amministrazzjoni pubblika.

Ix-xogħol li sar fl-2025 kompla jikkonsolida l-pożizzjoni strateġika ta' dan id-Dipartiment. Inħares 'il quddiem biex inkomplu ninvestu fil-ħaddiema tagħna sabiex inkunu f'pożizzjoni dejjem aktar b'saħħitha biex intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, insaħħu d-djalogu soċjali u fl-aħħar mill-aħħar nagħmlu dehen lis-Servizz Pubbliku għal mod kif inħarsu l-interess tal-ħaddiema u tinżamm l-armonija mistħoqqa fir-relazzjonijiet industrijali.

# DAĦLA

**Diane Vella Muscat**
Direttur Ġenerali – DIER



B'sodisfazzjon qed nippreżenta dan ir-rapport ta' ħidma li d-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg wettaq matul is-sena 2025, sena li kompliet tikkaratterizza ruħha minn bidliet kontinwi u sfidi ġodda fid-dinja tax-xogħol. Matul din is-sena, id-Dipartiment kompla jaqdi r-rwol ewlieni tiegħu fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, billi pprovda servizz ta' kwalità kemm lill-ħaddiema kif ukoll lil min iħaddem. Il-funzjonijiet tad-Dipartiment twettqu bl-aktar mod effettiv f'suq tax-xogħol dinamiku. Meta s-sitwazzjonijiet kienu xi drabi ta' sfida, id-Dipartiment xorta waħda kompla jwettaq il-funzjonijiet tiegħu. Inżammet ukoll l-integrità tas-suq tax-xogħol permezz ta' qafas regolatorju aġġornat, inklużi miżuri relatati ma' aġenziji tal-impjieg u ħaddiema temporanji.

> **Il-ħidma kollha mwettqa matul is-sena 2025 hija frott ta' sforz kollettiv u dedikazzjoni kbira mill-ħaddiema kollha tad-Dipartiment, li permezz tal-koperazzjoni sħiħa tagħhom kien possibbli li d-Dipartiment ikompli jaqdi l-missjoni tiegħu b'mod effettiv u professjonali.**

Il-ħidma tad-Dipartiment ma kinitx mingħajr sfidi. Għalkemm il-qbil mhux dejjem intlaħaq mill-ewwel, u xi drabi kienu meħtieġa diskussjonijiet u riċerki estensivi, madankollu, bis-saħħa tal-koperazzjoni kostruttiva u l-impenn tal-ħaddiema tiegħu, id-Dipartiment baqa' jwettaq il-mandat tiegħu b'mod effettiv u professjonali.

02

# IL-MANDAT
## TAD-DIPARTIMENT

Impjieg hu li jipproteġi l-interessi ta' ħaddiema f'relazzjoni tax-xogħol waqt li, fi spirtu ta' għaqda soċjali, jippromovi b'mod attiv relazzjonijiet industrijali tajba u jikkontribwixxi għal tali relazzjonijiet stabbli.



## INTRODUZZJONI

Matul is-sena 2025, id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg kompla jsaħħaħ ir-rwol tiegħu fid-dinja tax-xogħol, f'ambjent li qed jinbidel b'pass mgħaġġel. Id-Dipartiment baqa' jaġixxi kemm bħala edukatur kif ukoll bħala regolatur, bil-għan li jippromovi relazzjonijiet industrijali stabbli u ġusti, filwaqt li jħares l-interessi kemm tal-ħaddiema kif ukoll ta' min iħaddem. Fl-istess waqt, is-servizzi li jipprovdi d-Dipartiment komplew jiżdiedu b'mod sostanzjali.

Il-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol baqa' prijorità ewlenija, permezz ta' attivitajiet ta' infurzar u investigazzjoni dwar kundizzjonijiet tal-impjieg, inkluż ma' dawk li jiġu sabiex jirrapportaw irregolaritajiet u jiftħu każijiet. Id-Dipartiment jiddedika ħafna riżorsi f'medjazzjoni sabiex bosta każi jissolvew barra l-qorti u l-ħaddiema jgawdu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Fejn ikun meħtieġ, id-dipartiment ikompli jieħu l-passi legali xierqa sabiex jiġi assigurat ir-rispett lejn il-liġi. Fl-istess waqt, id-Dipartiment kompla jsaħħaħ id-djalogu soċjali bħala mezz effettiv biex jiġu solvuti tilwimiet industrijali. L-Ispettorat kompla bix-xogħol intensiv tiegħu, b'aktar minn elf investigazzjoni miftuħa tul is-sena u bi rkupru ta' aktar minn €1.3 miljun f'pagi u ħlasijiet dovuti lill-ħaddiema, filwaqt li saru wkoll investigazzjonijiet tematiċi fis-settur tal-HORECA.

Matul is-sena 2025, id-Dipartiment baqa' jlaqqa' fi ħdanu l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, li jkompli jagħti pariri u rakkomandazzjonijiet dwar standards, policies u liġijiet relatati mal-kundizzjonijiet tal-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali. Is-sena 2025 kienet ukoll karatterizzata minn riformi legali estensivi li għalihom id-Dipartiment kellu rwol attiv, fosthom emendi dwar il-pagi, leave speċjali u ħlas ugwali.

Fuq livell internazzjonali, id-Dipartiment kompla jirrappreżenta lil Malta fi ħdan l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u Eurofound, filwaqt li jikkordina mill-qrib mar-rappreżentanza ta' Malta fi Brussell sabiex tiġi mfassla u sostnuta l-pożizzjoni nazzjonali dwar kwistjonijiet marbuta mal-liġi tax-xogħol. Matul din is-sena, Malta kompliet tissaħħaħ fil-preżenza tagħha fuq livell Ewropew, partikolarment permezz tal-ħatra tad-Direttur Ġenerali bħala Deputy Chair tal-ELA, kif ukoll permezz ta' parteċipazzjoni attiva fi spezzjonijiet konġunti, taħriġ speċjalizzat u laqgħat tekniċi f'diversi Stati Membri.

Id-Dipartiment kompla wkoll jinvesti fil-professjonalizzazzjoni tar-riżorsi umani tiegħu u fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tiegħu, inkluż permezz ta' titjib fis-sistema DIERS u r-rinnovazzjoni tal-binja tad-Dipartiment. Barra minn hekk, matul is-sena saru kampanji estensivi ta' informazzjoni u taħriġ, kif ukoll attivitajiet fil-komunità li jsaħħu r-rwol soċjali tad-Dipartiment.

03

# SERVIZZ
## LILL-KLIJENTI

Funzjoni ewlenija tad-Dipartiment hija l-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għaldaqstant, id-Dipartiment għandu sezzjoni tas-servizz lill-klijenti li tilqa' każijiet mill- pubbliku, anki b'mod anonimu, li jaslu fid-Dipartiment permezz ta' emails, telefonati u anki b'mod personali (walk-ins).



F'din is-sezzjoni jiġu trattati wkoll numru konsiderevoli ta' mistoqsijiet b'rabta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jaslu kemm minn ħaddiema kif ukoll minn min iħaddem. Totali jidhru hawn taħt.

| | Total |
|---|---|
| **Telefonati (freephones)** | |
| 1575 (numru ddedikat għall-ħaddiema) | 14,437 |
| 1576 (numru ddedikat għal min iħaddem) | 7,153 |
| **Total** | **21,590** |
| **Emails (info.dier)** | **13,850** |
| **Walk-ins** | |
| Irġiel | 1,767 |
| Nisa | 1,235 |
| **Total** | **3,002** |

# LIEMA JIEM U XHUR

## HUMA L-IKTAR POPOLARI MAL-KLIJENTI TAD-DIER?



### Kont taf li?

Mill-freephones tad-Dipartiment, it-**Tnejn** dejjem jirriżulta bħala l-iktar jum impenjattiv tal-ġimgħa, kemm bħala telefonati kif ukoll bħala walk-ins. Dan x'aktarx jirrifletti lakkumulazzjoni ta' mistoqsijiet matul tmiem ilġimgħa, b'attività relattivament stabbli mitTlieta salĠimgħa.

### Kont taf li?

Bħala xhur, **Jannar, Frar, Marzu u April** huma l-aktar popolari kemm mal-ħaddiema kif ukoll ma' min iħaddem.

Rapport Annwali **2025**

### Lanaliżi tal-walkins turi li ċ-ċittadinanza ta' dawn il-klijenti kienet:

| Ċittadinanza tal-Viżitaturi | Numru ta' Żjajjar |
|---|---|
| Ċittadini Maltin | 956 |
| Ċittadini Ewropej | 335 |
| **TCNs (Third Country Nationals)** | **1,711** |
| **Total** | **3,002** |

# INVESTI-GAZZJONIJIET

Id-Dipartiment huwa responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti li huma kkontemplati fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) u l-leġiżlazzjonijiet sussidjarji tiegħu. Taqsima importanti tad-Dipartiment li twettaq l-infurzar tal-liġi hija l-Ispettorat. Wieħed mir-rwoli prinċipali tal-Ispettorat huwa li jissorvelja u jiżgura li d-drittijiet kollha u l-obbligi stabbiliti fil-liġi jiġu osservati miż-żewġ partijiet – min iħaddem u l-ħaddiem.

Permezz tal-Ispettorat, id-Dipartiment jinvestiga lmenti ta' persuni li l-impjieg tagħhom ikun ġie tterminat u għalhekk għandu l-għan li jirkupra pagi u benefiċċji u ħlasijiet oħra mhux imħallsa u dokumenti li jkunu dovuti. L-Ispettorat jinvestiga wkoll ilmenti ta' persuni li jkunu għadhom fl-impjieg permezz ta' spezzjonijiet li jsiru mill-ispetturi tad-Dipartiment. Investigazzjonijiet ġeneriċi oħrajn jistgħu jittrattaw sezzjonijiet partikolari ta' ħaddiema jew inkella l-kumpanija sħiħa skont il-ħtieġa.

Dawn l-ispezzjonijiet minbarra li jittrattaw oqsma tradizzjonali tal-impjieg, bħal rati ta' pagi, ħinijiet tax-xogħol, rati ta' sahra, eċċ., jittrattaw ukoll materji oħra li legalment huma aktar kumplessi bħall-aġenziji tal-impjieg, paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, trasferimenti ta' negozju, żgħażagħ fl-impjieg, informazzjoni u konsultazzjoni, l-istatus tal-impjieg, ħaddiema stazzjonati u oħrajn.

**Investigazzjonijiet ġeneriċi jistgħu jittrattaw sezzjonijiet partikolari ta' ħaddiema jew inkella l-kumpanija sħiħa skont il-ħtieġa.**

## Totali ta' investigazzjonijiet u kategoriji ta' irregolaritajiet jinsabu f'tabelli hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Każijiet ta' persuni li m'għadhomx fl-impjieg | 614 (378 raġel u 236 mara) |
| Każijiet ta' persuni li għadhom fl-impjieg | 98 (44 raġel u 54 mara) |
| Investigazzjonijiet ġeneriċi | 346 |
| Total ta' ħaddiema milħuqa | > 10,000 |
| Numru ta' spezzjonijiet | 98 |
| Numru ta' ħaddiema intervistati | 225 |
| Talbiet għal informazzjoni mingħand l-impjegatur (RFIs) | 91 |
| Ammont ta' każijiet li ngħalqu bonarjament[1] (jinkludu każijiet ta' snin preċedenti) | 727 |
| Każijiet imressqa l-qorti fl-2025 | 188 |
| Każijiet li nstemgħu fl-2025 u ntrebħu favur il-ħaddiema* | 71 |
| Total ta' seduti | 25 Malta / 6 Għawdex |
| Total ta' investigazzjonijiet li nfetħu fl-2025 | **1,058** |
| Ammont ta' pagi li nġabru u ngħataw lura lill-ħaddiema bl-intervent tad-Dipartiment | **€1,389,933.98** |

*Numru sostanzjali ta' każijiet li ġew konklużi b'suċċess quddiem il-qrati rriżultaw minn investigazzjoni komprensiva fis-settur tal-Pjattaformi Diġitali għall-Kunsinna, imwettqa fl-2024. L-investigazzjoni żvelat nuqqas mifrux ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tax-xogħol, inkluż in-nuqqas ta' ħlas tal-COLA, ksur tar-rekwiżiti tal-paga minima, nuqqas ta' ħlas ta' overtime u bonus tal-gvern, tnaqqis mhux ġustifikat mill-pagi, diskrepanzi bejn il-paga netta u l-provi tal-ħlas, nuqqas li jingħata jum ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew li tiġi applikata r-rata speċjali meta x-xogħol isir f'dak il-jum, nuqqas ta' ħlas ta' leave tal-mard, kif ukoll nuqqasijiet fl-intitolamenti tal-leave, b'mod partikolari fir-rigward tal-festi pubbliċi u l-leave annwali.

1 Dan ifisser permezz ta' medjazzjoni min-naħa tad-Dipartiment.

Fost il-każijiet l-oħra li ġew konklużi b'suċċess quddiem il-qrati, il-maġġoranza tagħhom jirrigwardaw talbiet individwali mressqa mad-Dipartiment wara t-terminazzjoni tal-impjieg, relatati ma' arretrati pendenti. Dawn il-każijiet żvelaw problemi mifruxa ta' nuqqas ta' ħlas tal-pagi, ħafna drabi f'diversi xhur konsekuttivi, inkluż in-nuqqas ta' ħlas ta' intitolamenti relatati ma' korriment jew leave tal-mard, payslips nieqsa jew mhux korretti, kif ukoll in-nuqqas ta' kuntratti formali ta' impjieg. Tali prattiki kienu partikolarment prevalenti fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-kura, tal-ospitalità, tat-tindif u tal-aġenziji tal-impjieg.

**Irregolaritajiet irrapportati lid-Dipartiment jirriżultaw minn firxa ta' raġunijiet. Il-każijiet tal-2025 flimkien mat-total rispettiv tagħhom huma klassifikati hawn taħt:**

| Klassifikazzjoni tal-irregolaritajiet | Total |
|---|---|
| Pagi | 625 |
| Bonus/Weekly allowance | 320 |
| Leave annwali | 366 |
| Payslips | 235 |
| Sahra | 112 |
| Kuntratt tax-xogħol | 42 |
| Festi pubbliċi | 69 |
| Notice | 42 |
| Leave għall-mard | 33 |
| Ħinijiet tax-xogħol | 37 |
| Perjodi ta' mistrieħ | 25 |





## INVESTIGAZZJONIJIET OĦRA MID-DIPARTIMENT

Fl-2025 id-Dipartiment nieda investigazzjoni ħolistika relatata mas-settur tal-HORECA (lukandi). F'dan ir-rigward, id-Dipartiment wettaq spezzjonijiet f'diversi lukandi madwar lokalitajiet turistiċi f'Malta biex jevalwa l-konformità mal-liġijiet tax-xogħol, b'enfasi fuq ħaddiema ta' aġenziji u dawk vulnerabbli. Minn fost is-77 impjegat li ġew intervistati, madwar nofshom kienu ħaddiema ta' aġenziji li ġejjin minn 15-il aġenzija ta' temping u li jirrappreżentaw aktar minn 20 nazzjonalità.

**Irregolaritajiet ewlenin:**

- **3 każijiet** fejn ma ngħatax kuntratt ta' xogħol
- **10 impjegati** ma tħallsux għall-festi pubbliċi skont il-liġi applikabbli
- **3 każijiet** fejn l-uniformi tħallset mill-paga tal-impjegat
- **10 impjegati** tħallsu inqas mill-paga minima nazzjonali
- **7 impjegati** ma rċevewx ħlas korrett għall-overtime
- **4** ma tħallsux bonuses statutorji tal-gvern
- **3** ma tħallsux rata doppja għall-ħidma nhar ta' Ħadd
- **1** ma ngħatax payslip
- **2** impjegati ma tħallsux għal-leave tal-mard
- **Impjegat wieħed** part-time ma tħallasx leave tal-vaganzi pro rata
- **Każ wieħed** fejn ma tħallsitx COLA
- **Każ wieħed** ta' ħlas tal-paga b'dewmien

B'mod ġenerali, l-investigazzjoni kkonfermat li filwaqt li ħafna mill-impjegaturi fis-settur urew konformità mal-leġiżlazzjoni tax-xogħol, ġew identifikati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità li ġew indirizzati b'mod effettiv.

# XOGĦOL

## MILL-INSPECTION COORDINATION OFFICE



Id-Dipartiment huwa involut ukoll fil-proġett tal-business inspections li qed jiġi kkordinat mill-Inspections Coordination Office (OPM). Dan il-proġett jinvolvi xogħol fejn jiġu investigati business operators f'setturi differenti ta' xogħol. Min-naħa tiegħu d-Dipartiment janalizza kundizzjonijiet ta' xogħol bħal kuntratti, payslips, ħlas ta' overtime, bonuses, sick leave u vacation leave. Fejn jinstabu l-irregolaritajiet u min iħaddem ma jkunx qed jimxi skont il-liġi u d-dispożizzjonijiet tal-Wage Regulation Orders (WRO), id-Dipartiment jiggwida lill-operatur tan-negozju biex jiġi konformi mal-liġi. F'każ li min iħaddem jibqa' ma jikkonformax mal-liġi, jinbdew proċeduri kontrih fil-Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

Kull spettorat involut fil-proġett jalloka punti lill-operaturi tan-negozju skont il-ligijiet speċifiċi tagħhom. Skont il-punteġġ, jiġi determinat jekk operatur jingħatax iċ-ċertifikat tal-High Standard of Compliance. Fl-2025 id-Dipartiment ivvettja 62 business operator f'oqsma differenti, inklużi djar tal-anzjani u supermarkets, li minnhom kien jinħtieġ li ssir spezzjoni waħda fid-djar tal-anzjani. Dan il-proġett jgħin lid-Dipartiment sabiex ikun dejjem aktar aġġornat dwar x'inhu jiġri fid-dinja tax-xogħol, speċjalment f'setturi li forsi d-Dipartiment ma tantx imiss magħhom permezz tal-ilmenti mill-impjegati.

### Analiżi ta' Business Operators li ġejjin mill-Inspection Coordination Office (OPM)

| Djar tal-anzjani | Supermarkets | Total |
|---|---|---|
| 35 | 27 | 62 |

Bħala parti minn dan il-proċess, min iħaddem intalab ukoll jimla kwestjonarju qasir bil-għan li jiġi evalwat il-livell ta' għarfien tiegħu dwar l-intitolamenti statutorji applikabbli għall-ħaddiema part-time, kif ukoll dwar il-Wage Regulation Orders rilevanti.



## ĦADDIEMA STAZZJONATI

Id-Dipartiment immodernizza s-sistema ta' notifika għall-istazzjonar tal-ħaddiema, naqqas ix-xogħol amministrattiv mhux meħtieġ, u biddel il-proċess mal-mudell tad-dikjarazzjoni elettronika biex ikun bħal dak tal-Kummissjoni Ewropea.

Bejn Jannar u Diċembru 2025, id-Dipartiment irċieva total ta' 536 notifika dwar ħaddiema stazzjonati. Iċ-ċittadini Taljani kienu l-ikbar grupp ta' ħaddiema stazzjonati f'Malta fl-2025. Warajhom insibu gruppi iżgħar iżda sinifikanti mill-Ġermanja, l-Ażerbajġan u l-Indja. Din id-distribuzzjoni turi x-xejra ta' mobilità tax-xogħol minn diversi reġjuni Ewropej u Asjatiċi.

| Nazzjonalità | Numru ta' Ħaddiema |
|---|---|
| **Taljani** | **129** |
| **Ġermaniżi** | **48** |
| **Ażerbajġani** | **40** |
| **Indjani** | **30** |

Meta nħarsu lejn il-pajjiż ta' oriġini, l-Italja u l-Litwanja jiddominaw b'mod ċar, u flimkien jammontaw għal sehem sostanzjali mill-ħaddiema kollha stazzjonati. Il-Ġermanja u d-Danimarka jkomplu jikkontribwixxu b'numri aktar moderati iżda rilevanti.

| Pajjiż ta' Oriġini | Numru ta' Ħaddiema |
|---|---|
| L-Italja | 169 |
| Il-Litwanja | 154 |
| Il-Ġermanja | 85 |
| Id-Danimarka | 41 |

Is-settur tal-manifattura huwa l-aktar wieħed li jimpjega ħaddiema stazzjonati, segwit minn servizzi oħra u l-qasam tal-arti u r-rikreazzjoni. Setturi aktar speċjalizzati, bħall-attivitajiet professjonali u l-kostruzzjoni, juru numri iżgħar iżda xorta importanti għall-ekonomija.





| Setturi | Numru ta' Ħaddiema |
|---|---|
| Manifattura | 175 |
| Attivitajiet ta' servizzi oħra | 132 |
| Arti, divertiment u rikreazzjoni | 62 |
| Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi | 34 |
| Kostruzzjoni | 32 |

## PERMESSI TA' IMPJIEG GĦAL PERSUNI TAĦT IS-SITTAX-IL SENA LI GĦADHOM MA SPIĊĊAWX L-ISKOLA

L-impjieg ta' minuri għandu jitqies bħala proċess komprensiv u regolatorju sabiex jiġi evalwat ix-xogħol li jkun ser isir kif ukoll ikunu protetti dawn il-minuri. Dan ifisser li, sabiex persuna taħt l-età tkun tista' tidħol fid-dinja tax-xogħol, huwa meħtieġ li tinkiseb l-approvazzjoni tal-ġenituri jew tal-kustodji legali tagħha, tal-istituzzjoni edukattiva li tattendi, tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, kif ukoll tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

Barra minn hekk, min iħaddem huwa obbligat li jwettaq valutazzjoni tar-riskji skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-minuri u li d-dmirijiet assenjati jkunu xierqa għall-età, il-kapaċità u l-benesseri tal-individwu.

Matul din is-sena, id-Dipartiment ġie infurmat dwar:

**69** **Permessi individwali għall-impjieg**

**141** **Numru ta' ħaddiema koperti bil-permessi**

L-oqsma ta' xogħol l-aktar komuni fost persuni taħt is-sittax-il sena kienu:

| Tip ta' Xogħol | Numru ta' ħaddiema |
|---|---|
| Atturi | 120 |
| Assistenti tal-pixxina u animaturi | 7 |
| Pożizzjonijiet fi ħwienet tal-merċa | 6 |
| Servizz F&B (Food and Beverage) | 5 |
| Assistent fi klabb tal-isport, f'ċentru ta' kura tat-tfal kif ukoll preżentatur fl-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta | 3 |

## BANKING TAS-SIGĦAT TAX-XOGĦOL

**65**

**Permess**

Il-kunċett tal-banking tas-sigħat tax-xogħol ġie introdott fil-liġi Maltija permezz tar-Regolamenti tas-Sahra tal-2012 bin-numru S.L. 452.110. L-ibbankjar tas-sigħat jissejjaħ aktar formalment bħala Sigħat jew Skemi Annwalizzati. Sa Settembru ta' din is-sena, DIER awtorizza total ta' 65 permess li jkopru total ta' 4,235 impjegat, f'setturi differenti.



## MULTI

**91**

**Permess**

DIER awtorizza wkoll total ta' 91 permess biex jiġu implimentati multi fiskali li jaffettwaw 17,000 impjegat f'Malta f'setturi differenti. Tali permess jippermetti lil min iħaddem biex jimponi multi fiskali fuq l-impjegati tiegħu/tagħha li jitnaqqsu mill-pagi tal-impjegat.

Min iħaddem u jixtieq japplika għal permess jista' jagħmel kuntatt dirett mad-Dipartiment sabiex jissottometti t-talba tiegħu lid-Direttur Ġenerali, kemm jekk il-permess hu relatat ma' multi kif ukoll ma' dawk bankarji. Wara li tasal it-talba, spettur mid-Dipartiment jikkuntattja lil min iħaddem u jibdew diskussjonijiet preliminari dwar ir-raġunijiet tal-applikazzjoni u l-mod kif il-permess ikun implimentat.

Id-Dipartiment jiżgura li min iħaddem jifhem kif jaħdem dan it-tip ta' permess u jirrevedi l-pjan propost minnu sabiex jara jekk dan hux konformi mar-rekwiżiti u mal-prattika aċċettabbli. F'każijiet fejn l-employer ma jkunx allinjat mar-regoli jew il-pjan ikun jinħtieġ tibdil, id-Dipartiment jipprovdi gwida u appoġġ biex il-pjan jiġi aġġustat kif suppost.

Ladarba l-pjan ikun finalizzat wara laqgħat u komunikazzjoni kontinwa, id-Dipartiment jifformula l-permess u jagħmel il-valutazzjoni finali biex jiġi approvat. Wara l-approvazzjoni, il-permess jintbagħat lir-responsabbli tal-kumpanija u jibqa' validu għal sena. Id-Dipartiment jinvestiga wkoll meta jkun hemm każijiet fejn employers ikunu qegħdin jużaw l-għodda tal-permessi iżda ma jkollhomx il-permess maħruġ jew inkella jkollhom permess iżda jkun qiegħed jintuża b'mod skorrett.



## ĦLAS UGWALI

Matul il-perjodu bejn Lulju u Diċembru, saru diversi inizjattivi rigward il-ħlas ugwali għall-ħaddiema. F'Lulju ġew organizzati tliet seminars bil-parteċipazzjoni ta' 23 kumpanija u 50 persuna biex jiġu spjegati l-bidliet leġiżlattivi. Matul ix-xhur ta' wara, kien hemm komunikazzjoni kontinwa permezz ta' laqgħat individwali, telefonati u emails mal-kuntratturi sabiex niżguraw li fehmu sew il-linji gwida kollha maħruġa mill-People & Standards Division (P&SD).

Ingħata wkoll appoġġ dirett lill-awtoritajiet kontraenti permezz ta' laqgħat u tweġibiet għal mistoqsijiet biex il-proċess ta' tranżizzjoni jkun wieħed bla xkiel. Internament, sar taħriġ għall-ħaddiema tad-DIER biex ikunu aktar professjonali u kapaċi jwieġbu għall-mistoqsijiet tal-pubbliku.

Saru wkoll diskussjonijiet dwar arretrati biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jirċievu l-ħlasijiet dovuti sa tmiem is-sena. B'riżultat ta' dan kollu, sal-aħħar tas-sena l-maġġoranza tal-kuntratturi ħallsu l-arretrati lill-ħaddiema tagħhom, filwaqt li għal dawk li għadhom ma ħallsux, baqgħet tingħata assistenza u tinżamm komunikazzjoni kontinwa bejniethom, l-awtoritajiet kontraenti, il-P&SD u l-unions.



Rapport Annwali **2025**

06

# AĠENZIJI
## TAL-IMPJIEG

Fl-2025, idDipartiment ħareġ total ta' 224 liċenzja għal aġenziji tal-impjieg, żieda ta' madwar 40% fuq is-sena li għaddiet. Dawn il224 liċenzja jkopru 205 aġenziji tal-impjieg distinti, li jirriflettu tkabbir kontinwu fissettur tal-aġenziji tal-impjieg kif spjegat hawn taħt:



| Liċenzji maħruġa | Recruitment | Temping | Outsourcing | Temping/Outsourcing |
|---|---|---|---|---|
| 224 | 72 | 9 | 8 | 135 |

## STATUS TAL-APPLIKAZZJONIJIET

In-numru totali ta' applikazzjonijiet li bħalissa qed jiġu vverifikati midDIER huwa ta' 50. L-aġenziji tar-Recruitment u tatTemping/Outsourcing huma żżewġ tipi ta' liċenzji li l-operaturi japplikaw għalihom biex ikunu liċenzjati.

| Status tal- Applikazzjonijiet | Recruitment | Temping | Outsourcing | Temping/Outsourcing |
|---|---|---|---|---|
| 50 | 17 | 2 | 3 | 28 |

## RIFJUT U/JEW REVOKI

**14** Applikazzjonijiet Rifjutati

**3** Revoki

**3** Irtirati

Matul l2025, idDIER ċaħad 14il applikazzjoni u rrevoka 3 liċenzji. Minn dawn, 9 ġew evalwati aktar mill-uffiċjali tad-DIER u 8 nstab li loperazzjonijiet tagħhom ma joffrux servizzi relatati marRegolamenti dwar il-Liċenzji tal-Aġenziji tal-Impjieg S.L. 452.130. Oħrajn emendaw lapplikazzjoni u kisbu lliċenzja li kienu applikaw għaliha.

L-14-il applikazzjoni li ġew rifjutati fuq klawsoli varji jinkludu fosthom:

- Il-garanzija bankarja ma ġietx provduta, u lanqas ma ġiet ippreżentata fittletin ġurnata li jingħataw mid-data tan-notifika li l-applikazzjoni ġiet rifjutata.
- L-applikazzjoni ma kinitx kompluta jew ma ġietx provduta l-informazzjoni mitluba mid-Direttur Ġenerali fi żmien tnaxil xahar minn meta l-applikazzjoni ġiet sottomessa.
- L-applikant ma kellux iċ-ċertifikati ta' konformità fir-rigward tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali.

## SPEZZJONIJIET FUQ ILPOST TAL-AĠENZIJI

| Spezzjonijiet fuq ilpost sabiex jiġi introdott l-operat | Recruitment | Temping | Outsourcing | Temping/Outsourcing |
|---|---|---|---|---|
| 80 | 34 | N/A | N/A | 46 |

Matul l2025, lispezzjonijiet saru fuq żewġ tipi ta' liċenzji (Recruitment u Temping/Outsourcing), u dawn jinkludu wkoll spezzjonijiet fuq ilpost sabiex jiġi vverifikat li l-aġenzija għandhom uffiċini adegwati biex joperaw minnom.

## IMPJIEG FI ĦDAN LAĠENZIJI LIĊENZJATI

**19,810**

### Kont taf li?

Sa tmiem l-2025, l-aġenzija tal-impjieg liċenzjati kienu impjegaw kollettivament 19,810 ħaddiema!

Id-distribuzzjoni ta' dawn il-ħaddiema skont it tip ta' liċenzja kienet kif ġej:

**16,658** ħaddiem ma' aġenziji ta' Temping/Outsourcing

**1,628** ħaddiem ma' aġenziji ta' Temping

**542** ħaddiem ma' aġenziji ta' Recruitment

**537** ħaddiem ma' aġenziji ta' Outsourcing

**339** ħaddiem ma' aġenziji liċenzjati għal Temping/Outsourcing/Recruitment

**106** ħaddiema ma' aġenziji liċenzjati għal Temping/Recruitment

Dan il-profil ta' impjieg jenfasizza r-rwol ċentrali li għandhom l-attivitajiet ta' temping u outsourcing fil-qasam tal-aġenziji tal-impjieg liċenzjati, kemm f'termini ta' volum ta' liċenzjar kif ukoll ta' kopertura tal-forza tax-xogħol.





## INVESTIGAZZJONIJIET RELATATI MAL-AĠENZIJI TAL-IMPJIEG

Fl-2025, id-DIER fetaħ 107 investigazzjonijiet fuq aġenziji tal-impjieg. Dawn l-investigazzjonijiet tnedew wara rapporti li waslu minn sorsi differenti, inklużi individwi privati, sħab soċjali, aġenziji, dipartimenti talgvern, u lispettorat tadDIER stess wara rapporti li rċevew anki b'mod anonimu. Minn dawn ilkażijiet, 2 ġew referuti lill-qorti, 50 għadhom qed jiġu investigati mid-DIER, filwaqt li 55 ġew konklużi.

Mill-55 investigazzjoni li ġew konklużi, dawn ġew konklużi kif ġej:

Bejn Jannar u Diċembru ta' din is-sena saru:

**14** Il-kumpaniji għalqu waqt l-investigazzjoni (l-għeluq mhux bilfors kien relatat)

**12** Aġenziji li nstabu li ma joffrux servizzi relatati mar-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Aġenziji tal-Impjieg

**20** Ġabu liċenzja permezz ta' investigazzjoni tad-DIER

**9** Fil-proċess li jiksbu lliċenzja

# RELAZZJO-NIJIET INDUSTRIJALI

Wieħed mill-għanijiet tad-Dipartiment huwa li b'approċċ proattiv isolvi tilwim industrijali b'soluzzjoni ta' sodisfazzjon kemm għall-intrapriża partikolari kif ukoll għall-union involuta. Din il-konċiljazzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali kkontribwixxiet sostanzjalment biex ikun hawn klima ta' relazzjonijiet industrijali aktar stabbli.

| | |
|---|---|
| Numru totali ta' laqgħat ta' konċiljazzjoni | 40 |
| Perċentwal ta' laqgħat li wasslu għal ftehim | 90% |

## IL-BORD DWAR IR-RELAZZJONIJIET DWAR L-IMPJIEGI



Il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi (ERB) huwa bord tripartitiku magħmul minn rappreżentanti tal-gvern, trade unions u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem. Minn Ottubru tas-sena l-oħra sa issa saru disa' laqgħat tal-Bord li fihom ġew diskussi bosta materji relatati mal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali u ġew ippubblikati emendi fil-liġi, wara konsultazzjoni tal-Bord.

Fost l-oħrajn, dan il-Bord iddiskuta:

- Estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni u żieda fil-multi fil-liġi tax-xogħol
- L-introduzzjoni tal-pay bracket
- Leave tal-korriment tat-tqala
- Leave speċjali tal-ġenituri għal luttu
- Konvenzjoni 190 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol
- Direttiva dwar it-trasparenza tal-pagi

F'Ottubru tal-2025, l-ERB organizza l-200 laqgħa tiegħu li matulha kien hemm preżenti d-DIER, fejn ġiet diskussa l-proposta biex il-leave tal-maternità jiġi estiż għal ġenituri Maltin li jkollhom tarbija permezz ta' surrogacy barra minn Malta, sabiex tiġi eliminata kull tip ta' diskriminazzjoni.

# TRANSFER
## OF BUSINESS

Matul is-sena 2025, it-trasferimenti ta' negozji kienu jammontaw għal total ta' 25 trasferiment. Dawn kienu jkopru 856 impjegat fuq il-kategoriji kollha, b'416 ingaġġati mas-Servizz Pubbliku u 440 ingaġġati minn entitajiet privati.

## TRASFERIMENTI FIS-SETTUR PUBBLIKU

Fil-qasam pubbliku jidher li t-trasferimenti kienu kkonċentrati f'erba' setturi prinċipali. Dawn huma konsulenza, sigurtà, tindif, u servizzi tal-ambulanza. It-tabella turi kif dawn il-ħaddiema huma mqassmin fis-setturi msemmija:

| Setturi / Kategoriji | Raġel Full-Time | Mara Full-Time | Raġel Part-Time | Mara Part-Time | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Konsulenza | 100 | 48 | 0 | 0 | 148 |
| Sigurtà | 63 | 59 | 0 | 3 | 125 |
| Tindif | 20 | 28 | 0 | 1 | 49 |
| Servizzi tal-Ambulanza | 16 | 2 | 0 | 0 | 18 |
| **Total Ġenerali** | **199** | **137** | **0** | **4** | **416** |

## TRASFERIMENTI FIS-SETTUR PRIVAT

Fis-settur privat, it-trasferimenti kienu f'diversi setturi ekonomiċi bħall-gaming u r-retail u kien hemm numru ikbar ta' impjegati li ġew trasferiti f'impjiegi part-time. It-tabella t'hawn taħt tagħti indikazzjoni ta' kif il-ħaddiema huma mqassmin f'setturi differenti.

| Setturi / Kategoriji | Raġel FT | Mara FT | Raġel PT | Mara PT | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Gaming | 111 | 57 | 1 | 1 | 170 |
| Retail | 45 | 25 | 82 | 0 | 152 |
| Tindif | 43 | 17 | 6 | 3 | 69 |
| Konsulenza | 1 | 7 | 0 | 3 | 11 |
| Sigurtà | 1 | 4 | 0 | 0 | 5 |
| **Total Ġenerali** | **204** | **113** | **89** | **7** | **440** |

## SENSJI KOLLETTIVI

Is-sena li għaddiet, id-Dipartiment kien responsabbli li jissorvelja total ta' 4 sensji kollettivi.

Fis-setturi kollha, in-numru totali ta' impjegati affettwati kien 109 rġiel full-time, 91 mara full-time u 1 mhux magħruf.

# ĦIDMA
## FLIMKIEN MAT-TRADE UNIONS



## REĠISTRATUR TAT-TRADE UNIONS

Fl-1 ta' Jannar 2025, fir-Reġistru kien hemm irreġistrati 45 trade union u 12-il assoċjazzjoni ta' min iħaddem. Matul is-sena 2025 ġiet irreġistrata trade union waħda u assoċjazzjoni waħda ta' min iħaddem. Matul l-2025 ġew ikkanċellati 3 trade unions u 2 assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem. Għaldaqstant, fil-31 ta' Diċembru 2025 ir-Reġistru tat-Trade Unions kien jinkludi 43 trade union u 11-il assoċjazzjoni ta' min iħaddem.

## VERIFIKI TA' SĦUBIJA

Permezz tar-Regolamenti dwar Rikonoxximent tat-Trade Unions (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.112, id-Dipartiment jirregola l-għotja u r-revoka ta' rikonoxximent ta' trade union, bħala l-unika union li tkun tista' tinnegozja ġewwa post tax-xogħol.

Bejn Jannar u Diċembru ta' din is-sena, id-Dipartiment għamel 24 eżerċizzju ta'  verifika ta' sħubija f'union.

## FTEHIMIET KOLLETTIVI

Matul is-sena 2025 ġew iffirmati total ta' 68 ftehim ġdid. Minn dawn kien hemm 39 fis-settur pubbliku, 26 fis-settur privat u 3 fis-settur volontarju. In-numru ta' impjegati li ġew affettwati b'dawn il-ftehimiet kollettivi ġodda huwa ta' 12,142 impjegat.

It-tabella t'hawn taħt tispjega dan fid-dettall:

| Kategorija | Dettalji |
|---|---|
| Numru totali ta' ftehimiet | 68 |
| Ftehimiet skont is-settur | Setturi pubbliċi: 39; Setturi privati: 26; Setturi volontarji: 3 |
| Ftehimiet b'numru ta' impjegati magħruf | 53 |
| Ftehimiet mingħajr numru ta' impjegati | 15 |
| Numru totali ta' impjegati koperti (magħruf biss) | 12,142 |
| Impjegati skont is-settur (magħruf biss) | Pubbliċi: 5,801; Privati: 6,187; Volontarji: 154 |
| Entitajiet b'għadd ta' impjegati magħruf | Pubbliċi: 29; Privati: 21; Volontarji: 3 |
| Tipi ta' ftehimiet | Rinnovati: 57; Ġodda: 8; Sekondarji: 2; Addendum: 1 |
| Impjegati skont it-tip ta' ftehim | Rinnovati: 11,866; Ġodda: 258; Sekondarji: 18 |

# LIĠIJIET

## ĠODDA U EMENDI FIL-LIĠIJIET

### EMENDI FL-ATT PRIMARJU KAP. 452

Din is-sena saru emendi importanti fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Dawn huma:



## ŻIEDA FIL-PERJODU TA' PRESKRIZZJONI

Il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ż-żmien massimu li fih jistgħu jinbdew proċeduri legali taħt l-Att. Meta jiskadi dan iż-żmien, id-dritt li titressaq talba jintilef. Fis-sena 2025 dan inbidel għal:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| Sena | Sentejn | Il-perjodu ta' preskrizzjoni ġie estiż għal sentejn minħabba li sena kienet qed titqies bħala perjodu insuffiċjenti. Dan ġie estiż għal sentejn sabiex ikun hemm aktar ċertezza u ġustizzja għall-partijiet kollha. |

## ŻIEDA FIL-MULTI

Beda jinħass ukoll li l-multi kkontemplati fl-Att li prinċipal ikun obbligat li jħallas meta jinstab ħati ta' xi ksur fil-liġi tax-xogħol ma kinux qed ikunu ta' deterrent biżżejjed. Għalhekk saru emendi u dawn il-multi żdiedu sostanzjalment kif spjegat hawn taħt:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| €232.94 multa minima | €2,000 multa minima | Il-multa minima żdiedet sostanzjalment biex issir deterrent aktar effettiv |
| €2,329.37 multa massima | €5,000 multa massima | Il-multa massima ġiet kważi rdoppjata biex jissaħħaħ l-infurzar |
| Ebda multa għal kumpaniji riċedivi | Multi ġodda ta' €5,000 għal kumpaniji riċedivi sa massimu ta' €7,000 | Daħal kunċett ġdid li jżid il-multi għal kumpaniji li jerġgħu jiksru l-liġi |

## METODU TA' ĦLAS GĦAL TCNS

Biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-abbuż fl-għoti tal-pagi dovuti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, saru emendi fl-Att kif spjegat hawn taħt:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| Min iħaddem seta' jħallas kif ried, inkluż bi flus kontanti | Il-paga trid titħallas biss permezz ta' trasferiment bankarju jew elettroniku | Daħlu regoli ġodda biex jitnaqqas l-abbuż u jkun hemm trasparenza sħiħa fil-ħlas tal-pagi |

## ESTIŻ IL-PERJODU TA' META OMM IKOLLHA DRITT GĦAL-LEAVE TAL-MATERNITÀ

Saru emendi fl-Att li permezz tagħhom ġie estiż il-perjodu ta' meta omm ikollha dritt għal-leave tal-maternità. L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali kien jiddefinixxi "ħlas" bħala twelid ta' tarbija sew ħajja jew mejta kif spjegat hawn taħt:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| Twelid wara 28 ġimgħa ta' tqala | Twelid minn 22 ġimgħa ta' tqala 'l quddiem | Id-definizzjoni ta' "ħlas" ġiet estiża biex tinkludi twelid minn 22 ġimgħa |
| Leave tal-maternità jingħata biss jekk it-twelid iseħħ wara 28 ġimgħa | Leave tal-maternità jingħata wkoll jekk it-twelid iseħħ wara 22 ġimgħa | Il-perjodu ta' eliġibbiltà ġie estiż b'sitt ġimgħat |





## REGOLAMENTI TAL-2025 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR LEAVE URĠENTI TAL-FAMILJA

Il-leave urġenti tal-familja żdied kif inhu spjegat hawn taħt:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| 15-il siegħa leave urġenti tal-familja | 32 siegħa leave urġenti tal-familja | Il-leave żdied b'mod sostanzjali biex jipprovdi aktar flessibbiltà lill-impjegati |
| Ma kien hemm ebda tqassim speċjali ta' kif jitnaqqas il-leave | L-ewwel 16-il siegħa jitnaqqsu mil-leave tal-vaganzi; is-16-il siegħa l-oħra mil-leave tal-mard | Daħal mekkaniżmu ġdid dwar minn liema leave jitnaqqsu s-sigħat u b'hekk sar aktar ċar u strutturat |

## REGOLAMENTI TAL-2025 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL TRASPARENTI U PREVEDIBBLI

Dawn l-emendi għandhom l-għan li jtejbu t-trasparenza u l-ġustizzja fil-prattiki tal-pagi qabel u matul l-impjieg. Dawn l-emendi jipprovdu lill-applikanti għal impjieg informazzjoni ċara dwar il-livelli tal-paga jew il-firxiet għal pożizzjonijiet speċifiċi qabel l-impjieg u jiżguraw li l-impjegati jkollhom id-dritt ta' aċċess għal informazzjoni dettaljata dwar il-livelli tal-paga individwali tagħhom u l-livelli tal-paga għall-ħaddiema li jwettqu l-istess xogħol.

## REGOLAMENTI TAL-2025 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR ĦADDIEMA TEMPORANJI PERMEZZ TA' AĠENZIJA

Dawn l-emendi jfissru b'mod aktar ċar id-distinzjoni bejn l-aġenziji ta' xogħol temporanju u l-aġenziji tal-outsourcing. Huma jistabbilixxu wkoll data tal-bidu, l-1 ta' Jannar 2025, li minnha l-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema tal-aġenziji tal-outsourcing għandhom ikunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikabbli kieku ġew reklutati direttament mill-impriża utenti u l-imsemmija regolamenti jiżguraw konformità kostituzzjonali għal assenjazzjonijiet fis-settur pubbliku.

## REGOLAMENTI TAL-2025 DWAR LEAVE GĦALL-KORRIMENT TAT-TQALA

L-introduzzjoni tar-Regolamenti dwar il-Leave għall-Korriment tat-Tqala huwa avvanz sinifikanti fid-drittijiet fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali. Dawn ir-regolamenti jirrikonoxxu l-impatt emozzjonali u fiżiku tal-korriment u jaffermaw l-importanza li jiġi pprovdut appoġġ lill-ħaddiema affettwati. Fl-2025 saru dawn il-bidliet fil-liġi:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| Ebda leave speċifiku għall-korriment tat-tqala | 7 ijiem kalendarji konsekuttivi ta' leave mħallas | Daħal leave ġdid li jirrikonoxxi l-impatt emozzjonali u fiżiku tal-korriment |
| Il-leave ma kienx garantit għall-ġenitur prospettiv l-ieħor | Leave mħallas jingħata wkoll lill-ġenitur prospettiv l-ieħor | L-appoġġ jingħata lit-tnejn li jkunu affettwati |
| Kien hemm inċertezza dwar id-drittijiet tal-impjieg f'dan il-perjodu | Id-drittijiet tal-impjieg jiġu ppreservati b'mod ċar | Il-liġi tissalvagwardja d-dinjità tal-ħaddiema f'mument vulnerabbli |
| Kien hemm possibbiltà ta' piż finanzjarju fuq min iħaddem | Il-leave jitħallas kompletament mill-Gvern | Jiġi evitat piż fuq min iħaddem u jiżdied l-appoġġ soċjali |





## REGOLAMENTI TAL-2025 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR DRITT MINIMU TA' LEAVE SPEĊJALI

Permezz ta' dawn ir-regolamenti ġie introdott leave speċjali ġdid tal-ġenituri għal luttu. F'każ ta' mewt ta' tifel/tifla minorenni taħt l-età ta' tmintax-il sena, saru dawn it-tibdiliet:

| Qabel | Wara | Xi nbidel? |
|---|---|---|
| Ebda leave speċjali għall-ġenituri f'każ ta' mewt ta' tifel/tifla minorenni | Introdott leave speċjali tal-ġenituri għal luttu | Daħal mekkaniżmu ġdid ta' appoġġ f'mument estremament diffiċli |
| Kien japplika biss il-leave standard għal luttu | Total ta' 7 ijiem meta jingħaqad mal-leave standard eżistenti | Il-ġenituri jingħataw aktar żmien biex jikkumbattu l-luttu |
| Leave standard biss kien imħallas mill-impriża | Il-ġranet ta' luttu addizzjonali jitħallsu mill-Gvern | Jiġi evitat piż finanzjarju fuq min iħaddem |
| Ebda dispożizzjoni speċifika għal ġenituri ta' minorenni taħt 18-il sena | Japplika għall-mewt ta' tifel/tifla taħt 18-il sena | Il-liġi tirrikonoxxi l-vulnerabbiltà ta' dawn iċ-ċirkostanzi |

## ORDNI TAL-2025 DWAR STANDARD NAZZJONALI DWAR ŻIEDA FIL-PAGA GĦALL-IMPJEGAT

Permezz ta' din l-Ordni ta' Standard Nazzjonali, mill-ewwel ta' Jannar 2026, il-pagi kollha tal-impjegati żdiedu bl-ammont kif inhu deskritt hawn taħt:

| Żieda għall-għoli tal-ħajja | |
|---|---|
| €4.66 fil-ġimgħa żieda għall-impjegati kollha | Daħlet żieda obbligatorja biex tikkumpensa għall-għoli tal-ħajja |

## ORDNI TAL-2025 DWAR STANDARD NAZZJONALI DWAR L-INQAS PAGA NAZZJONALI

Din l-Ordni ta' Standard Nazzjonali stabbilixxiet il-paga minima nazzjonali għall-2026. Dawn ir-rati ġew stabbiliti skont il-ftehim li kien intlaħaq fil-ħamsa u għoxrin ta' Ottubru 2023 bejn il-membri tal-Low Wage Commission dwar il-paga minima. Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2026 hi deskritta hawn taħt:

**€229.44** fil-ġimgħa għal impjegati ta' aktar minn 18-il sena

**€222.66** fil-ġimgħa għal impjegati ta' 17-il sena

**€219.82** fil-ġimgħa għal impjegati taħt is-17-il sena







11

# REVIŻJONI
## TAL-WAGE REGULATION ORDERS

Matul l-2025, kompla x-xogħol tal-Kumitat ta' Esperti inkarigat biex janalizza d-diverġenzi fl-intitolamenti tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-Wage Regulation Orders. Dan ix-xogħol jinsab fi stadju avvanzat u kważi finalizzat, bil-konklużjonijiet mistennija jiġu mressqa lill-imsieħba soċjali fi ħdan l-ERB għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Id-Dipartiment kompla jipparteċipa b'mod attiv u pprovda analiżi dettaljata tad-diverġenzi eżistenti.



# RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

## L-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL (ELA)



Id-Dipartiment qiegħed jirrappreżenta lil Malta fil-Bord tat-Tmexxija tal-Awtorità Ewropea għax- Xogħol. Dan il-Bord jieħu deċiżjonijiet fuq kif titmexxa l-Awtorità kif ukoll fuq fora diversi fejn jidħlu kundizzjonijiet tax-xogħol fuq skala Ewropea u allura f'dan il-Bord Malta għandha vot daqs kull Stat Membru ieħor.

Minn din is-sena, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment, is-Sa Diane Vella Muscat, ġiet maħtura bħala Deputy Chair tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.




L-għanijiet tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol huma li tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u s- servizzi liċ-ċittadini u lin-negozji dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom; tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar tal-liġijiet billi tiffaċilita spezzjonijiet miftiehma u konġunti u billi tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat; u timmedja u tiffaċilita soluzzjonijiet fil-każijiet ta' tilwim transkonfinali.

Id-Dipartiment u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol mexxew numru ta' spezzjonijiet ġewwa Malta flimkien ma' spetturi minn Jobsplus, OHSA, il-Pulizija Maltija u spetturi tax-xogħol Taljani u Litwani li pparteċipaw bħala osservaturi.



**Spetturi u uffiċjali tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg ipparteċipaw fi spezzjonijiet konġunti f'Ċipru, l-Irlanda, u l-Ġermanja.**





Uffiċjali tad-Dipartiment attendew diversi laqgħat u workshops organizzati mill-ELA, fosthom dwar ħaddiema stazzjonati, il-mobbiltà u spezzjonijiet miftiehma u konġunti.

Uffiċjali għolja tad-Dipartiment attendew ukoll laqgħa fi Brussell relatata mat-tnedija tar-rapport tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol dwar il-protezzjoni ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi, fejn kien hemm l-opportunità li jsir qsim ta' ideat dwar kif din il-protezzjoni tiġi implimentata f'kuntest transkonfinali.

Uffiċjali tad-Dipartiment attendew study visit ġewwa l-Irlanda fejn ġiet diskussa l-istruttura tal-ispettorat fil-pajjiżi rispettivi, ir-regolarizzazzjoni tal-aġenziji tal-impjieg, kif ukoll id-Direttiva tal-Pay Transparency. Spetturi tad-Dipartiment attendew ukoll diversi workshops fejn flimkien ma' spetturi tax-xogħol u uffiċjali tal-pulizija ta' diversi pajjiżi Ewropej iddiskutew modi kif jitwaqqaf l-isfruttar tal-ħaddiema.






L-uffiċjali tad-Dipartiment żaru wkoll Dublin fl-Irlanda għal żjara ta' studju bejn id-DIER u l-Workplace Relations Commission. L-għan ta' din iż-żjara kien li l-uffiċjali Maltin jipparteċipaw fi spezzjoni konġunta mal-awtoritajiet Irlandiżi. Ġie nnutat li jeżistu diversi similaritajiet bejn Malta u l-Irlanda fir-rigward tal-ispezzjonijiet, l-analiżi tad-dokumentazzjoni, il-ħruġ ta' ittri ta' talba, u l-proċessi ta' medjazzjoni.

L-uffiċjali tad-Dipartiment marru wkoll Larnaca f'Ċipru għal taħriġ għall-ispetturi tax-xogħol dwar l-isfruttament tax-xogħol u l-ksur tal-liġi tax-xogħol. L-għan ta' dan it-taħriġ kien li jidentifika modi effettivi dwar kif jistgħu jittejbu l-identifikazzjoni, l-indirizzar u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' sfruttament tax-xogħol kemm għall-ispetturi tax-xogħol kif ukoll għall-uffiċjali tal-pulizija. Ġew diskussi diversi sinjali ta' kif wieħed jista' jidentifika każ ta' sfruttament. Punt importanti li rriżulta minn dan it-taħriġ kien il-bżonn ta' kollaborazzjoni bejn il-pulizija u l-aġenziji/dipartimenti li jirregolaw il-liġijiet tax-xogħol sabiex il-kordinazzjoni tkun effettiva u verament jitnaqqas iċ-ċans ta' abbuż.



Rapport Annwali **2025**

## TAĦRIĠ MODULARI GĦALL-ISPETTURI, BRATISLAVA, IS-SLOVAKKJA – ĠUNJU 2025




L-għan tat-taħriġ modulari kien li jsaħħaħ l-għarfien u l-ħiliet tal-ispetturi fil-qasam tal-infurzar, il-mobbiltà tax-xogħol, l-impjieg ta' ħaddiema mibgħuta (posting of workers), il-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, kif ukoll spezzjonijiet konġunti u kordinati.

It-taħriġ laqqa' flimkien spetturi minn diversi Stati Membri sabiex jissaħħaħ il-fehim tagħhom tal-mobbiltà tax-xogħol fl-UE, tal-impjieg ta' ħaddiema mibgħuta, tal-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, u tal-implimentazzjoni ta' spezzjonijiet kordinati u konġunti.

It-taħriġ iċċara l-interazzjoni kumplessa bejn ir-regoli dwar il-posting fil-qasam tax-xogħol u dawk tas-sigurtà soċjali, b'enfasi partikolari fuq setturi ta' riskju għoli bħat-trasport u x-xogħol permezz ta' aġenziji temporanji. Ġiet enfasizzata l-importanza ta' għodod bħas-sistema EESSI u l-proċeduri relatati mad-dokument A1 bħala komponenti essenzjali biex tiġi żgurata l-konformità u tiġi prevenuta l-frodi. L-ispezzjonijiet simulati pprovdew għarfien prattiku dwar l-ippjanar u t-twettiq ta' spezzjonijiet, inkluż il-ġbir tal-evidenza u l-kordinazzjoni effettiva bejn l-aġenziji. Barra minn hekk, is-sessjonijiet enfasizzaw il-valur tal-ħiliet soċjali (soft skills) u tal-komunikazzjoni ċara bejn l-aġenziji bħala fatturi kruċjali fit-twettiq ta' spezzjonijiet konġunti b'suċċess.

## BRATISLAVA, FORUM DWAR IL-POSTING TAL-ĦADDIEMA, APRIL 2025

L-iskop tal-laqgħa kien li jiġu diskussi l-kunċetti relatati mal-ippustjar tal-ħaddiema fir-rigward ta' dawn il-punti: ħaddiema ta' aġenziji temporanji, impjieg falz bħala self-employed, u l-ippustjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs). Barra minn hekk, il-laqgħa kienet tikkonċerna wkoll id-Direttiva tal-UE 2018/957 li tiddiskuti l-aspetti ta' rimunerazzjoni tal-ħaddiema ppustjati. Ġew ukoll indirizzati oqsma ta' frodi u żbalji relatati mas-sigurtà soċjali, u l-laqgħa ntemmet billi enfasizzat l-importanza tal-Ftehim Bilaterali u Multilaterali fil-qasam tal-mobbiltà tal-ħaddiema Ewropej.

## BRATISLAVA, IMI-PROVE ROAD TRANSPORT ANNUAL MEETING, SETTEMBRU 2025

L-iskop tal-laqgħa kien li jiġu diskussi l-iżviluppi u l-aġġornamenti ewlenin relatati mal-ippustjar tas-sewwieqa fis-settur tat-trasport bit-triq. L-Istati Membri ġew imlaqqgħin sabiex jaqsmu informazzjoni dwar il-prattiki nazzjonali u jiddiskutu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom waqt l-ispezzjonijiet. Il-laqgħa serviet ukoll bħala pjattaforma biex jiġu identifikati miżuri u strateġiji effettivi li wrew li huma ta' suċċess biex jindirizzaw dawn l-isfidi.



Rapport Annwali **2025**

# L-ORGANIZ-ZAZZJONI

## DINJIJA TAX-XOGĦOL – ILO




Bejn it-2 u l-14 ta' Ġunju 2025, id-Dipartiment mexxa delegazzjoni tripartitika fil-113-il sessjoni tal-konferenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) f'Ġinevra. Id-delegazzjoni Maltija kienet tinkludi numru ta' uffiċjali għolja ta' trade unions u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem.

Id-delegazzjoni Maltija pparteċipat f'diversi kumitati, fosthom fil-kumitat dwar xogħol diċenti fil-platform economy, kumitat dwar it-tranżizzjoni minn xogħol informali għal wieħed formali u diċenti, u l-kumitat fejn ġew diskussi konvenzjoni u rakkomandazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni minn perikli bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.

Fl-aħħar tal-konferenza ġiet approvata riżoluzzjoni biex ikomplu jittieħdu miżuri li jgħinu t-tranżizzjoni minn xogħol informali għal wieħed formali u diċenti. Sar qbil ukoll biex fil-konferenza tas-sena d-dieħla titkompla d-diskussjoni bl-għan li jiġu adottati konvenzjoni u rakkomandazzjoni dwar xogħol diċenti fil-platform economy u ġew adottati  wkoll konvenzjoni u rakkomandazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni minn perikli bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.



14

# EUROFOUND

Id-Dipartiment qiegħed jirrappreżenta lil Malta fuq il-bord tat-tmexxija tal-Eurofound, li hija aġenzija tripartitika tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi riċerka biex tgħin fit-tfassil ta' policies dwar kundizzjonijiet tax-xogħol.




Din-sena l-Eurofound għalqet 50 sena mit-twaqqif tagħha. Għal dan l-avveniment ġie organizzat forum li għalih attendew id-DIER flimkien ma' sħab soċjali li huma membri, il-GWU u l-MEA.

15

# XOGĦOL

## RELATAT MAL-UNJONI EWROPEA



Id-Dipartiment kompla jissodisfa l-obbligi ta' Malta mal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tax-xogħol u l-politika soċjali. Matul l-aħħar sena, id-Dipartiment temm b'suċċess it-traspożizzjoni tad-direttiva dwar il-paga minima permezz tal-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 332 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar il-paga minima u n-negozjar kollettiv. Dan il-proċess kien jinkludi wkoll it-tfassil tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Malta u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mid-direttiva.

Bdiet ukoll ħidma fuq id-direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi, li ssaħħaħ il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali billi tintroduċi rappurtaġġ dwar il-pagi, obbligi ta' trasparenza, u aċċess aħjar għall-informazzjoni dwar il-pagi għall-ħaddiema. Id-Dipartiment qed ikompli d-diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali biex jiffinalizza l-miżuri li fadal meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tad-direttiva fix-xhur li ġejjin.

Barra minn hekk, uffiċjali tad-Dipartiment attendew laqgħat ta' esperti dwar id-direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi u d-direttiva dwar ix-xogħol tal-pjattaformi.

Ta' kuljum, id-Dipartiment jagħmel ukoll monitoraġġ ta' proposti, rakkomandazzjonijiet u dibattiti fl-istituzzjonijiet Ewropej biex jiżgura li Malta tibqa' proattiva u allinjata bis-sħiħ mal-obbligi emerġenti.



16

# RINNOVAZZJONI

## TAL-BINJIET TAD-DIPARTIMENT

Wara restawr estensiv matul is-sena 2024, din is-sena tkompliet ukoll ir-rinnovazzjoni fil-binja tad-Dipartiment f'121, Triq Melita, il-Belt Valletta, fejn qed isir xogħol ta' gypsum, tibjid, dawl ġdid u tagħmir ieħor li wieħed illum jistenna f'uffiċini professjonali. Dan it-tiġdid huwa parti mill-isforzi kontinwi biex nipprovdu ambjent aktar sigur u akkoljenti għal dawk kollha li jżuru d-Dipartiment jew jaħdmu fih.



Matul l-2025, fid-DIER ġew installati servers ġodda għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-IT tagħha. L-aġġornament għen biex jinkisbu effiċjenza operattiva akbar, affidabbiltà aħjar tas-servizzi diġitali, u skalarità aktar b'saħħitha biex jintlaqgħu d-domandi dejjem jikbru tal-istituzzjoni u tal-utenti.





17

# INVESTIMENT

## FIS-SISTEMA TAL-INFORMATIKA TAD-DIPARTIMENT (DIERS)



Is-sistema ewlenija tad-Dipartiment (DIERS) kompliet tiġi aġġornata. Saru modifiki u titjib fil-portal tal-aġenziji tal-impjieg biex it-tiġdid tal-garanziji bankarji jkun jista' jsir online. Barra minn hekk, il-portal din is-sena ġie msaħħaħ biex ikun hemm il-faċilità li l-aġenziji tal-impjieg japplikaw biex iġeddu l-liċenzja tagħhom.

Dan it-titjib fil-portal ippermetta li t-tiġdid tal-garanziji bankarji jkun jista' jsir online mill-portal tal-aġenziji tal-impjieg. Dan ifisser li l-aġenziji jirċievu notifika xahrejn qabel ma tiskadi l-garanzija bankarja. Din in-notifika tibqa' tintbagħat kuljum sakemm il-garanzija tiġi mġedda. Saru wkoll tħejjijiet fuq is-sistema fejn il-liċenzji kondizzjonali joħorġu mill-portal tal-aġenziji tal-impjieg minflok manwalment mill-uffiċjali inkarigati. Din ser tkun ta' benefiċċju kemm għad-Dipartiment kif ukoll għall-aġenziji. L-istess sistema ta' tiġdid tal-liċenzji ser tiġi implimentata online u wkoll tinħareġ notifika biex il-liċenzji jiġu mġedda qabel id-data tal-iskadenza.



18

# KAMPANJA
## TA' INFORMAZZJONI

Matul din is-sena, id-Dipartiment kompla bl-isforzi tiegħu biex iwassal aktar għarfien dwar id-drittijiet u d-dmirijiet fuq il-post tax-xogħol. Uffiċjali tad-Dipartiment ipparteċipaw f'laqgħat, konferenzi u webinars organizzati mill-imsieħba soċjali u entitajiet privati u pubbliċi kif ukoll fi programmi tat-televiżjoni u tar-radju.



- Uffiċjali tad-Dipartiment ipparteċipaw f'seminars organizzati mill-Awtorità Maltija għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis u mill-IOM.
- Id-Dipartiment kien mistieden ukoll biex jagħmel sessjonijiet ta' informazzjoni fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) u anki lill-Kummissjoni Għolja tal-Indja.




- Fil-5 ta' Frar ipparteċipajna f'round table dwar id-direttiva tal-pay transparency, organizzata mill-GWU.
- Bejn is-6 u s-7 ta' Frar, il-Eurocadres u l-GWU organizzaw seminar dwar id-direttiva tal- pay transparency.




- F'Marzu d-Dipartiment ipparteċipa wkoll f'attività organizzata għan-nisa kollha li jaħdmu fi ħdan il-Cleansing and Maintenance Division, fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara.
- F'Marzu attendejna konferenza bl-isem ta' Employment 360 li ffukat fuq il-pay transparency directive.
- Bħal kull sena f'Mejju, id-Dipartiment ħa sehem ukoll fil-Public Service Expo li saret matul il-ġimgħa ddedikata lis-Servizz Pubbliku.

Rapport Annwali **2025**



- Ingħata wkoll taħriġ lill-istudenti u lix-shop stewards tal-GWU fuq ir-rwol tad-DIER u każijiet prattiċi ta' laqgħat ta' konċiljazzjoni.
- F'Ottubru ngħata taħriġ lill-istudenti li jattendu korsijiet fis-Centre for Labour Studies tal-Università ta' Malta kif ukoll lix-shop stewards tal-GWU dwar ir-rwol tad-Dipartiment u każijiet prattiċi ta' laqgħat ta' konċiljazzjoni.




- F'Ottubru attendejna wkoll diskussjoni dwar ir-right to disconnect.
- Ipparteċipajna wkoll fil-programm televiżiv MEA fuq id-direttiva tal-pay transparency fit-8 ta' Ottubru 2025.







- Fis-6 ta' Novembru ħadna sehem f'Excellence Through ESG – A Path to a Long-term Business Success, organizzata mill-Malta Employers.
- Fl-14 ta' Novembru saret preżentazzjoni mid-DIER lill-impjegati ta' Identità li fiha ġie diskuss ir-rwol tad-DIER.




- Ħadna sehem ukoll fl-EMR Lab Project Workshop fit-13 ta' Novembru 2025. Il-proġett, li jiffoka fuq l-avvanz tad-djalogu soċjali f'Malta, f'Ċipru u fil-Greċja, saħħaħ ukoll prattiki tajbin mill-Iżvezja u l-Ġermanja u offra perspettivi u lezzjonijiet siewja minn madwar l-Ewropa.
- Matul Novembru attendejna 3 seminars organizzati minn Identità fejn ġiet diskussa l-Labour Migration Policy.









# FOND

## GĦALL-ĦLAS TAL-BILANĊ BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA PRIVATA

Matul l2025 inġabru total ta' 230 mistoqsija mingħand min iħaddem relatati maliskemi ta' rifużjoni għallmaternità, ilpaternità u lleave talġenituri. Ilmaġġoranza talmistoqsijiet waslu permezz talemail, filwaqt li numru limitat ġew indirizzati permezz ta' telefonati.

## TLIET KATEGORIJI TA' MISTOQSIJIET

1. **Mistoqsijiet dwar ir-rifużjoni tal-leave tal-maternità**

Il-mistoqsijiet relatati mal-maternità r-rappreżentaw l-akbar proporzjon ta' dawk sottomessi minn min iħaddem, b'total ta' 153 każ. Dawn il-mistoqsijiet kienu prinċipalment dwar:

- Kriterji ta' eliġibbiltà
- Proċeduri ta' applikazzjoni
- Dokumentazzjoni meħtieġa
- Ħinijiet ta' pproċessar
- Rekwiżiti ta' kontinwità flimpjieg, b'mod partikolari lkundizzjoni tassitt xhur ta' impjieg wara l-maternità

2. **Rifużjoni tal-leave tal-paternità**

Inġabru total ta' 31 mistoqsija relatati mal-iskema ta' rifużjoni talpaternità. Dawn kienu jiffokaw laktar fuq:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà
- Dokumentazzjoni li trid tiġi sottomessa
- Każijiet ta' twelid barra minn Malta

3. **Rifużjoni tal-leave tal-ġenituri**

Il-mistoqsijiet relatati mal-iskema ta' rifużjoni tal-leave tal-ġenituri ammontaw għal 46 każ. Min iħaddem fittex l-aktar gwida dwar:

- In-numru ta' ġimgħat ta' leave li jistgħu jittieħdu
- Il-proċess korrett tal-applikazzjoni
- Kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà



## TEMI KOMUNI FOST LISKEMI KOLLHA

Fost l-iskemi kollha ta' rifużjoni, ġew identifikati temi li jirrepetu ruħhom, fosthom:

- Kjarifika tarregoli ta' eliġibbiltà
- Gwida dwar il-proċeduri ta' sottomissjoni tal-applikazzjonijiet
- Standards u kompletezza tad-dokumentazzjoni
- Talbiet għal aġġornamenti dwar l-istatus tal-applikazzjonijiet sottomessi

## MIN IKKUNTATTJANA B'DAWN IL-MISTOQSIJIET?

Il-maġġoranza tal-mistoqsijiet ġew sottomessi minn negozji żgħar u persunal tal-HR, u ffokaw fuq rekwiżiti ta' eliġibbiltà, proċeduri ta' applikazzjoni, dokumentazzjoni, ħinijiet ta' pproċessar u kundizzjonijiet ta' kontinwità flimpjieg. Dan l-għarfien jagħti ħarsa ġenerali lejn innatura u l-firxa tal-mistoqsijiet irreġistrati matul is-sena.

Il-mistoqsijiet li d-Dipartiment irċieva din is-sena b'rabta mal-Fond ta' Fiduċja għall-Bilanċ bejn il-Ħajja u x-Xogħol waslulna b'dan il-mod:

| **Maternità** | | | **Paternità** | | | **Ġenituri (Parental)** | | | **Numru totali ta' mistoqsijiet** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | Email | Telefonati | Total | Email | Telefonati | Total | Email | Telefonati | |
| 153 | 140 | 13 | 31 | 28 | 3 | 46 | 42 | 4 | 230 |







# IT-TRIBUNAL
## INDUSTRIJALI



It-Tribunal Industrijali jisma' u jiddeċiedi tilwim industrijali mressaq fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet involuti fit-tilwima jew mit-tnejn li huma. Jisma' wkoll każijiet ta' allegati tkeċċija inġusta, diskriminazzjoni, fastidju u remunerazzjoni differenti għal xogħol tal-istess valur. Id-Dipartiment huwa inkarigat mit-tmexxija amministrattiva ta' dan it-Tribunal.

**154**

Mill-bidu tas-sena tressqu 154 każ ġdid lit-Tribunal, kif indikat hawn taħt:

**84** allegata tkeċċija inġusta

**11**-il allegata tkeċċija inġusta u allegata diskriminazzjoni

**11**-il allegata diskriminazzjoni/fastidju/vittimizzazzjoni

**Każ wieħed** ta' tilwim industrijali

**Każ wieħed** ta' prinċipju ta' xogħol ta' valur ugwali

**3** rinviji

**43** ksur ta' kuntratt skont Art. 36 (12) Kap. 452

It-Tribunal Industrijali ddeċieda 100 każ. Dawn il-każijiet kienu jinkludu 67 każ ta' allegat tkeċċijiet inġusti , 19 ta' allegat tkeċċija inġusta u allegat diskriminazzjoni, 12 ksur ta' Kuntratt Art 36(12) u 2 deċiżji wara li każ ġie lura mill-appell.

44 każ ġew solvuti b'mod amikevoli.

Sal-aħħar ta'Diċembru 2025 kien fadal 308 każ pendenti.



# RIŻORSI
## UMANI



### MOU GĦALL-UFFIĊJALI TAL-COMPLIANCE

Fis-27 ta' Ottubru 2025, għall-ewwel darba fl-istorja tad-DIER, ġie ffirmat ftehim li jirregola l-kundizzjonijiet tad-DIER Compliance Officers. Dan id-dokument ġie żviluppat sabiex jirrifletti n-natura speċifika tax-xogħol imwettaq mill-Uffiċjali tal-Compliance fi ħdan id-DIER. Dan id-dokument japplika għal bidliet fil-kundizzjonijiet tal-uffiċjali preżenti, għall-proċessi ta' reklutaġġ, kif ukoll għall-avvanz fil-karriera b'kunsiderazzjoni xierqa kemm lejn il-kwalifiki kif ukoll għall-esperjenza ta' xogħol rilevanti.



## INGAĠĠ TA' IMPJEGATI

Matul din is-sena, id-Dipartiment kompla jsaħħaħ l-operat tiegħu b'ristrutturar fis-Sezzjoni tal-Compliance permezz ta' tisħiħ fil-persunal. Matul din is-sena ġew appuntati 3 Senior DIER Compliance Executives u ngħaqdu wkoll żewġ (2) uffiċjali bħala DIER Compliance Executive II.

Matul din is-sena ġiet appuntata wkoll Senior Manager fil-Komunikazzjoni u l-Proġetti sabiex id-Dipartiment ikompli jwassal il-komunikazzjoni tiegħu b'mod effettiv u jkompli l-ħidma f'aktar proġetti.

Bħal kull sena, id-Dipartiment jagħti diversi opportunitajiet lill-istudenti permezz ta' skemi differenti. Fl-2025 ilqajna magħna għadd ta' studenti kif inhu spjegat hawn taħt:

| Skema / Skola | Numru ta' Studenti |
|---|---|
| Skemi tal-IPS/ Apprendistat tal-MCAST/ Esperjenza ta' xogħol fl-edukazzjoni terzjarja | 8 |
| Skema tas-sajf tal-Ministeru għall-Edukazzjoni | 5 |
| Skema oħra taħt l-IPS | 1 |





## MIŻURI LEJN BILANĊ AĦJAR BEJN IX-XOGĦOL, IL-ĦAJJA U L-FAMILJA

Matul din is-sena, id-Dipartiment kompla jħaddan il-miżuri 'Lejn Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol, il-Ħajja u l-Familja'. Uffiċjali tad-Dipartiment jagħmlu użu minn dawn il-miżuri li ġejjin:

| Tip ta' miżura | Perċentwal ta' ħaddiema jgawdu mill-miżura |
|---|---|
| Remote working | 45% |
| Extended remote working | 11% |
| Sigħat ridotti | 7% |
| Ħin tax-xogħol flessibbli | 3% |

Meta wieħed iħares lejn il-bilanċ bejn il-ġeneru, l-istaff tad-Dipartiment huwa mqassam hekk:

| Kategorija | Nisa | Irġiel |
|---|---|---|
| Staff tad-Dipartiment | 60% | 40% |
| Karigi maniġerjali | 61.54% | 38.46% |

# TAĦRIĠ

## GĦALL-UFFIĊJALI TAD-DIPARTIMENT



L-istaff tad-Dipartiment jattendi kontinwament għal taħriġ provdut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) u entitajiet oħra, kemm rigward aġġornamenti fis-Servizz Pubbliku kif ukoll bħala żvilupp professjonali kontinwu.

L-uffiċjali li bdew ħidma f'kariga ġdida attendew għal korsijiet mogħtija mill-IPS. Dawn il-korsijiet kienu adattati skont il-gradi u l-irwoli, fosthom 'Entry to Senior Management Programme' u Induction Courses li trattaw diversi suġġetti, fosthom l-integrità u l-etika.

**Uffiċjali tad-Dipartiment attendew ukoll għal taħriġ relatat max-xogħol tagħhom, bħal sistemi tal-accounts, spezzjonijiet u protezzjoni tad-dejta.**



Uffiċjali tad-Dipartiment attendew diversi seminars, fosthom dak organizzat minn JRS Malta dwar xogħol prekarju u dak dwar ħiliet organizzat min-National Skills Council.

Uffiċjali tad-Dipartiment attendew kors organizzat mill-MCESD dwar kif tista' tikkomunika aħjar ma' kollegi ta' entitajiet u stakeholders oħrajn li huma involuti fit-tfassil ta' policies.

Żewġ uffiċjali tad-Dipartiment attendew żewġ programmi ta' laqgħat organizzati mill-Kummissjoni Ewropea dwar djalogu soċjali li jwassal għal ftehim kollettiv u dwar medjazzjoni f'tilwim industrijali. F'dawn il-laqgħat, l-uffiċjali kellhom l-opportunità li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' uffiċjali oħra minn pajjiżi Ewropej, esperti mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll rappreżentanti tal-imsieħba soċjali.

Id-Dipartiment kontinwament jinvesti fil-ħaddiema billi jagħtihom opportunitajiet ta' taħriġ dwar temi assoċjati max-xogħol, kemm f'Malta kif ukoll lil hinn minn xtutna, kif jidher fit-tabella li jmiss:

| Taħriġ u konferenzi lokali | Taħriġ u konferenzi barra minn Malta |
|---|---|
| Copilot Training | EMPACT Analytical Meeting on Labour Exploitation |
| IPS - Docusign - Information Session | ELA workshop on complex cases and enforcement challenges |
| IPS Training: Core Induction Programme for External Recruits - Integrity and Ethics | ELA training and information sessions on the enforcement of road transport social legislation |
| National Workshop of the Climate-MATCH - Mainstreaming of Climate Adaptation for Horizontal Coordination | ELA/CEPOL training on labour exploitation/labour law violations |
| Employment Forms Webinar | Modular training for cross-border inspectors |
| GPG Portal Information Sessions | IMI-PROVE road transport modules annual meeting |
| IPS Training - Equality and Human Rights in the Maltese Public Service | ADI-ROM - Committee of Experts on Roma and Traveller Issues |
| Entry to Senior Management Programme | Mutual learning event on 'Structured dialogue for collective bargaining and collective agreements' |
| Employment 360 Conference | Multiple meetings of the Commission expert group on the transposition of Directive (EU) 2024/2831 on improving working conditions in platform work |
| Training on CFMS | Dubai World Summit as the second part of the Malta Senior Executives Leadership Programme |
| MedTech World 2025 | Informal meeting of the Management Board |
| IPS Training: Data Protection & FOI | 17th ELA Management Board Meeting |
| Invitation: SKIN Project Final Conference | Modular training for cross-border inspectors |
| IPS Training: Quality Management | ELA - Workshop on Enforcing Remuneration Rules in a Cross-Border Context |
| Fundamentals of Microsoft Copilot (IMU) | Training programme - Basics of EU labour mobility |
| Malta's first National Skills Strategy | Thematic Review Workshop: Inter-institutional cooperation within Member States to tackle undeclared work |
| Core Induction Programme for External Recruits | Convocation of the 113th Session of the International Labour Conference (ILO) |





| Taħriġ u konferenzi lokali | Taħriġ u konferenzi barra minn Malta |
|---|---|
| IPS Training: Emotional Intelligence at Work | OSCE workshop on strengthening the capacity of labour inspectors in identification and referral of victims of human trafficking stemming from the humanitarian crisis |
| Training to Accounting Officers | Meeting of directors general for industrial relations |
| Position-Related Training for Principals/Managers I | Convocation for the 11th meeting of the ADI-ROM steering committee on anti-discrimination, diversity and inclusion (CDADI) committee of experts on Roma and traveller issues (ADI-ROM) |
| Info Session on Standards in Procurement Processes | Mutual learning event on 'Preventive and Curative Mediation/Conciliation of Collective Labour Disputes: Exchanging National Practices and Reflecting on the Transnational Dimension' |
| IPS Induction Training \| Position-Related Training for Senior Principals/Managers II | Strategic Meeting of the Working Group on Information |
| Training for Inspection Success | |
| Electronic Public Procurement | |
| Procurement by Contracting Authorities | |
| FOI system - Training | |
| JRS Event invitation: Forced to Hide - The Human Cost of Legal Precarity and Labour Exploitation in Malta | |
| National Skills Council - Shaping Malta's Future - National skills strategy | |
| IPS Training \| Basic ICT in Industrial Grades | |
| bBrave Conference on Cyberbullying Across Work and Learning Environments | |
| Official Launch of the Miscarriage Leave in Malta | |
| Info Session on Standards in Procurement Processes | |
| Study Visit - Meeting focusing on the systems in place and the governmental aspects of labour migration and integration in Malta | |
| Navigating Workplace Culture and Conflict Resolution | |
| Discussion Event: Right to Disconnect | |

# 23 ATTIVITÀ FIL-KOMUNITÀ



Fil-bidu ta' Diċembru 2025, bħala eżerċizzju ta' attività fil-komunità u b'sens ta' responsabbiltà soċjali, l-istaff kollu tad-Dipartiment, għat-tieni sena, żar il-Kunvent u l-Kulleġġ tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, fir-Rabat, Malta. Matul dan il-jum sar xogħol ta' tindif, manutenzjoni, tisjir, xogħol ta' żebgħa, u ngħatat ukoll daqqa t'id fit-tiżjin tal-Milied.





**105**
**Rigal**

F'Diċembru ħadna sehem ukoll fl-attività bl-isem 'Rigal bi Mħabba' fejn inxtraw 27 rigal li ngħaqdu ma' tal-OPM biex b'hekk tajna total ta' 105 rigali.





F'Ottubru l-ħaddiema tad-DIER libsu r-roża għal attività tal-Pink October, filwaqt li f'Novembru l-ħaddiema libsu l-kulur blu biex infakkru l-Men's Day. Matul dawn il-ġranet inġabru l-flus mingħand il-ħaddiema li mbagħad ingħataw għall-karità.





Fid-9 t'Ottubru, sabiex infakkru l-World Mental Health Day, ilbisna l-aħdar u waqafna siegħa mix-xogħol sabiex morna mixja mal-Belt Valletta biex infakkru l-importanza ta' din il-ġurnata.

# PJANIJIET

## GĦAS-SENA 2026



### PAY TRANSPARENCY

Malta se tkun qed tintroduċi miżuri ta' trasparenza fil-pagi din issena, bħala parti mit-traspożizzjoni tadDirettiva Ewropea dwar itTrasparenza fil-Pagi. IdDIER se jkollu rwol ewlieni bħala wieħed mill-awtoritajiet kompetenti. Se jinħarġu wkoll FAQs biex jgħinu lillimpjegaturi u lillħaddiema jifhmu ddrittijiet u lobbligi tagħhom.

### XOGĦOL TAL-PJATTAFORMA

Direttiva oħra li Malta trid tittrasponi hi dik fuq il-ħaddiema tal-pjattaforma. Malta diġà daħħlet regoli b'saħħithom dwar ix-xogħol fuq pjattaformi, b'mod partikolari fis-settur tal-kunsinni. Din daħlet fis-seħħ minn Jannar 2023 u tagħti lill-couriers u ħaddiema simili d-drittijiet kollha tal-impjieg taħt il-liġi Maltija, inklużi pagi minimi, sigurtà soċjali u drittijiet ta' leave, eċċ.

Malta mistennija tkompli tallinja ruħha mad-Direttiva tal-UE dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi, li ssaħħaħ il-protezzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema u t-trasparenza algoritmika.

### KAMPANJA TA' INFORMAZZJONI

Fis-sena 2026, se titnieda kampanja ta' tagħrif u edukazzjoni fuq livell nazzjonali dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan sabiex tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet tax-xogħol lil min iħaddem kif ukoll biex isservi ta' apoġġ għallħaddiema. L-għan ta' din il-kampanja hu li nkomplu ntejbu d-dinja tax-xogħol u noħolqu kundizzjonijiet aħjar għall-ħaddiema.

### ORDNIJIET DWAR IR-REGOLAMENTI TAL-PAGI (WROS)

Matul is-sena 2026 ser jitkompla x-xogħol fuq l-Ordnijiet dwar ir-Regolamenti tal-Pagi bħala parti minn riforma kontinwa li għandha l-għan li tkompli żżid l-ugwaljanza aħjar bejn is-setturi. Din ir-reviżjoni ser tkun fit-tieni fażi tagħha u l-ħidma ser tkun qed tkompli sabiex taġġorna dawn l-ordnijiet.

### MIŻURI OĦRA

Miżuri oħra li ser jiġu diskussi huma dawk soċjali, bħal leave biex ikun hemm dejjem iktar bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, remote working, leave f'każ ta' ġenituri li jkollhom wild imwieled barra minn xtutna, u leave għal tfal li jkunu f'terapija intensiva l-isptar. Titkompla r-riforma tat-Tribunal Industrijali u l-Pjan Nazzjonali fuq ir-rata ta' ftehimiet kollettivi f'Malta.

# 2025

## RAPPORT ANNWALI

**DIPARTIMENT**
**GĦAR- RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI**
**U TAL-IMPIEG**

20

RAPPORT ANNWALI

25